# IL-MALTI

**QARI LI TOĦROĠ**

**L-AKKADEMJA TAL-MALTI**

(Għaqda tal-Kittieba tal-Malti)

**Il-ktieb għas-sena 1988** **L-64 Sena**


***Editorjal***

# Tislima lil Karmenu Vassallo

KARMENU VASSALLO ħalliena fis-7 ta' April 1987. Jumejn wara mort naghtih l-aħħar tislima fil-knisja tar-raħal li tant ħabb. . . Mur għidli dak in-nhar li fi żmien sena Malta kellha titlef erbgħa oħra minn uliedha, kollha msieħbin fl-Akkademja tal-Malti, kull wieħed ħabrieki f'diversi oqsma tal-Letteratura tagħna. . . Għax wara Karmenu ħalliena P. Alfred Previ, u mbagħad ftit ilu, f'medda ta' għaxart ijiem, daqqet is-siegħa għal Ġużè Cardona u għal P. Marjanu Vella. Il-Mulej iħenn għalihom u jdaħħalhom igawduh għal dejjem!

Mur għidli sena ilu, waqt il-liturġija ewkaristika konċelebrata biex tfakkar lil Dak li miet fuq is-salib imma reġa' għall-ħajja, li f'egħluq is-sena lil Karmenu Vassallo qegħdin nagħtuh tislima oħra! Għax matul is-sena li għaddiet, twieled il-ħsieb u ssaħħaħ fil-moħħ ta' ħafna li nippreżentawlkom dan-Numru Speċjali b'tifkira tal-Poeta tan-Nirien. Kemm hu minnu li l-poeta ma jmutx, kif qal Orazju madwar elfejn sena ilu!

Dan-Numru Speċjali ħabbarnieh fl-aħħar għadd ta' *Il-Malti* tas-sena l-oħra. Kif qegħdin taraw b'għajnejkom, il-kitbiet li waslulna huma ħafna u varjati. Fl-istess ħin kellna wkoll nagħtu kas tas-saħħa finanzjarja limitata li għandha l-Akkademja tal-Malti. Ħsibna għalhekk biex nitolbu għajnuna, u ttallabnieha bla mistħija u bil-perseveranza: għall-Poeta li qala' fuq wiċċu ma bżajniex nagħmlu wiċċna aħna wkoll. . . B'hekk tqarribna aktar lejn Karmenu Vassallo li twieled fqir, għex fqir, u miet fqir ukoll, iżda minkejja dinja xħiħa miegħu b'ħafna manjieri, madankollu bla xeħħa dewwaqna l-benna ta' Poeżija qawwija li biha stagħna Lsienna!

Jidhrilna li l-kitbiet fuq Karmenu Vassallo li dan-Numru speċjali ġibed lejh jixħtu dawl ġdid fuq l-istatura umana u letterarja tal-Poeta. Nittama li ftaħna triq biex insiru nafu aħjar min kien dan il-bniedem u x'wirt ħallielna. Bla dubju ta' xejn l-istatura ta' Karmenu Vassallo tissokta toħroġ aktar ċara mhux biss b'xi lejla letterarja jew minn xi monument tal-bronż, għalkemm dawn ukoll huma siewja, imma wisq aktar minn tiftix u studju tal-ħafna ittri u kitba oħra li jinsabu mrekkna

’l hawn u ’l hinn. . . Dan hu l-aqwa mod, u l-aħjar, biex it-tifkira ta’ Karmenu Vassallo tibqa’ ħajja f’din l-art ħelwa!

Inħoss li b’dawn l-erba’ kelmiet qiegħed infisser is-sentimenti ta’ ħafna Maltin u Għawdxin li lil Karmenu Vassallo jafuh biss mill-poeżija tiegħu miġbura f’diversi kotba u magħżula f’antoloġiji.

Fl-aħħarnett, bħala President ta’ l-Akkademja tal-Malti u bħala Editur ta’ dan il-qari tagħha *Il-Malti*, irrid niżżiħajr lil dawk kollha li għenu b’xi mod biex inwasslu lill-qarrejja din it-Tislima lil Karmenu Vassallo, Poeta, b’mod speċjali lil uliedu għar-ritratti li silfuna biex bihom inżejnu dan-Numru-Tifkira.

Ritratt ta’ l-okkażjoni meħud f’Mejju ta’ l-1975 waqt l-għoti ta’ rigal lill-President ta’ l-Akkademja il-Professur Ġużè Galea. Mix-xellug għal-lemin jidhru wkoll: is-Sur Ġużè Chetcuti, Karmenu Vassallo b’Ġużè Diacono fuq wara, Patri J. M. Ghigo, is-Sur J. Zammit Mangion, Dr. Wallace P. Gulia, in-nutar V. M. Pellegrini, u s-Sur F. X. Mangion.

